Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 136/2024

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Kercem
Kunsill Lokali Xagħra

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali San Lawrenz
Kunsill Lokali Għarb
Kunsill Lokali Sannat
Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Xewkija

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 136.1 Talba

136.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

## 136.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

136.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 135 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew ikkorreġuti u approvati.

## 136.3 Korrispondenza

136.3.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dokumentazzjoni miżmuma mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tinsab f'diskussjonijiet mal-Arkivji Nazzjonali sabiex dokumenti qodma jiġu arkivjati hemmhekk. Aħna ġejna mitluba sabiex nindikaw lid-Diviżjoni, l-kategoriji ta' dokumenti li għandna fil-pussess tagħna. Ġejna mitluba wkoll, li għalissa ma narmu/niddisponu minn ebda dokumenti, għaliex jista jkun li jkunu ta' rilevanza għall-Arkivji Nazzjonali.

136.3.2 Ir-Reġjun Għawdex irċieva lment li kien wasal għand il-Ministeru għal Għawdex bil-posta minn ex-residenti ta' Għawdex li issa jgħixu r-Renju Unit. Huma lmentaw dwar il-kummerċjaliżmu f'Għawdex u qallu li minħabba f'hekk iddeċidew li jbiegħu l-propjeta' tagħhom f'Għawdex li kienu xtraw bl-intenzjoni li din tinżamm fil-familja tagħhom għall-ġenerazzjonjiet futuri.

136.3.3 Is-Sindki kienu ġew informati permezz ta' email mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-bżonn li l-AED (Automated External Defibrillators), li kienu tqassmu lill-Kunsilli Lokali mingħand is-CCU Foundation, jsirilhom manutenzjoni. Is-Sinjura Carmen Bellamy, CEO tas-CCU foundation reġgħet kelmet lis-Segretarju Eżekuttiv peress li l-ebda Kunsill ma' għamel kuntatt biex dawn issirilhom tali manutenzjoni. Huwa tassew ta' periklu kbir li dawn il-magni ma jkunux jaħdmu kif suppost speċjalment meta jkun hemm il-bżonn tal-użu tagħhom.

136.8.1 Ir-Reġjun ippreżenta skeda ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' żewġ "bicycle racks" għall-Gozo College Agius de Soldanis Middle School kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa. Il-membri preżenti approvaw ix-xiri mingħand l-aktar offerta vantaġġjuża bil-prezz ta' €240.91 kull waħda. Ir-Reġjun Għawdex ser jixtri tnejn minn dawn għal użu tal-istudenti u għalliema f'din l-iskola.

136.8.1 Il-President irċieva korrispondenza mingħand il-Union Print dwar proposta ta' pubblikazzjoni fuq gazzetta ġdida bl-isem Orizzont Għawdex li tiġi ppubblikata darba kull xahar. Huma pproponew prezz ta' €200 + VAT kull xahar għall-*block booking* għal sena. Il-prezz normali għall-paġna sħiħa huwa €250+VAT. Din il-proposta ġiet diskussa u kien hemm qbil li dan ser jirrekjedi ħafna xogħol biex timla paġna kull xahar. Qablu li meta jkun hemm il-ħtieġa li jippubblikaw jużaw ir-rata normali.

136.8.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva l-istatistika dwar spezzjonijiet mingħand l-ERA għax-xhur bejn Lulju-Settembru 2024. F'dawn it-tlett xhur saru 153 spezzjonijiet, iżda, ngħataw biss żewġ kontravvenzjonijiet. Is-Sindki wrew in-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom

dwar dan is-servizz. Huma talbu li tintbagħat email lil ERA b'mod partikolari lic-Chairman.

136.8.1 Il-maniġer tal-Kultura f'isem il-Victoria 2031 Foundation talbet sabiex isir laqgħa mas-Sindki (focus group) biex tiġi miġbura riċerka dwar Għawdex għal użu fil-bid book li qed jiġi maħdum. Is-Sindki preżenti qablu li l-aħjar ħin ikun wara l-ħin tax-xogħol.

136.8.1 Ġie ppreżentat kopja tal-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar tal-propjeta tar-Reġjun Għawdex fi Triq Palma, r-Rabat. Ir-Reġjun qed jaħdem biex joħroġ sejħa għar-restawr u bini ta' sala.

**136.4 <u>Memorandum of Understanding - European Capital of Culture 2031.</u>**

136.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li hemm bżonn li ssir MOU (Memorandum of Understanding) mal-Kunsilli Lokali Ghawdxin fejn il-Kunsilli Lokali jwiegħdu s-sapport u l-parteċipazzjoni tagħhom mal-Kunsill Lokali r-Rabat Ċitta Victoria u l-Kunsill Reġjonali Għawdex biex jsir il-Bid Book għall-European Capital of Culture 2031.

**136.5 <u>Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni dwar "Provision of Energy Efficient Street Lighting and Associated Lighting Equipment in Several Localities in Gozo.</u>**

136.5.1 Ir-Reġjun ġie ppreżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni dwar "Framework Contract for the Provision of Energy Efficient Street Lighting and Associated Lighting Equipment in Several Localities in Gozo. Kien hemm erbgħa offerti. Ir-rakkomandazzjoni tal-bord hija għal ESS li kien l-aktar wieħed vantaġġjuż. Il-membri preżenti aċċettaw u qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

**136.6 <u>Rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar l-Impjieg ta' "Waste Coordinator Manager".</u>**

136.6.1 Ir-Reġjun Għawdex ġie ppreżentat rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar l-Impjieg ta' Waste Coordinator Manager. Il-membri preżenti aċċettaw dan ir-rapport. Il-persuna nkarigat ser jibda fil-kariga l-ġdida tiegħu wara li jkun għamel in-notice period fl-impjieg kurrenti tiegħu.

**136.7 <u>Ħruġ ta' sejħa ta' kwotazzjonijiet għas-servizz ta' "Accountant tar-Reġjun".</u>**

136.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt tal-accountant ser jiskadi fl-aħħar ta' Diċembru 2024. Għal dan il-għan hemm bżonn li toħroġ sejħa ġdida għas-servizzi ta' *accountancy services*. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li l-book-keeping isir minnha. Il-membri qablu li għandha ssir sejħa ġdida għas-servizzi ta' accountancy.

**136.8 <u>Mixja tal-President.</u>**

136.8.1 Wara li kien ġie ssuġġerit li jkun hemm mixja f'Għawdex bħala parti mill-kampanja biex jinġabru fondi għall-Community Chest Fund, l-uffiċju tal-President informa li għal din is-sena ma kienx possibbli minħabba l-impenji tal-President. Iżda dan għandu jsir bħala parti mill-programm għas-sena 2025. Ir-Reġjun għandu jagħmel talba fis-sena 2025 (f'Mejju jew Ġunju) sabiex dan ikun jista' jsir.

## 136.9 Affarijiet Oħra.

136.9.1 Tqajmet il-kwistjoni tal-kaxxi il-blu fejn jitpoġġew ħwejjeġ użati. Il-Kunsilli Għawdxin ġew informati li dan is-servizz kien ser jitwaqqaf minħabba li l-kumpanija ma' ngħatatx aktar spazju fiċ-ċentri tal-Wasteserv. Ir-Reġjun Għawdex ma ġiex informat dwar din il-kwistjoni u talab sabiex il-Kunsilli jibgħatulna kopja tal-korrispondenza.

136.9.2 Il-Viċi Sindku tal-Għasri qal li fl-Għasri m'hemmx magna tal-BCRS, u għalkemm is-sid tal-uniku ħanut f'dan ir-raħal ilu jitlob sabiex ikollu magna dan ma seħħx. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email lill-persuni responsabbli dwar dan.

136.9.3 Is-Sindku tal-Munxar ilmenta dwar il-fatt li għalkemm saru CCTV's fil-lokalita' tiegħu, l-Kunsill ma jistax jagħmel użu minn dawn minħabba Data Protection Act.

136.9.4 Is-Sindku tar-Rabat (Ċitta Victoria) ilmenta dwar l-ammont ta' vandaliżmu li qed ikun hemm fil-lokalita' tiegħu.

## 136.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

136.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 147 li kienet tammonta għal €170,868.36

## 136.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

136.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgħa, 27 ta' Diċembru fis-seba' ta' filgħaxija. Wara ser ikun hemm riċeviment tal-festi mill-AKL.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |